QORTI CIVILI PRIM'AWLA
ONOR IMHALLEF ANNA FELICE
(SEDE KOSTITUZZJONALI)

Illum 23 ta'Ottubru, 2024

Rikors Nru: 263/2024/1 AF

Marianna Aufieri u Warren Azzopardi
f'isimhom proprju u
f'isem il-minuri Michael Azzopardi

vs

Avukat tal-Istat

Fabian Azzopardi għal kwalunkwe interess li jista' jkollu

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Marianna Aufieri u Warren Azzopardi li permezz tiegħu għar-raġunijiet mogħtija huma talbu lil din il-Qorti:

> "... biex tagħti u tordna miżura interim biex jiġi żgurat li l-esponenti ma jkomplux isofru dannu irreparabbli fir-relazzjoni tagħhom bħala familja, u dan billi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jgħixu flimkien bħala familja u dan minkejja dan provdut fid-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tas-6 ta' Jannar 2024."

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat.

Rat ir-risposta ta' Fabian Azzopardi.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Semgħet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li tħalla għal-lum għall-provvediment.

Ikkunsidrat illi t-talba odjerna qegħda ssir fil-kuntest ta' proċeduri kostituzzjonali mibjida miż-żewġ rikorrenti li permezz tagħhom huma qegħdin jitolbu dikjarazzjoni li digriet pronunzjat mill-Qorti tal-Familja fis-6 ta' Jannar 2024 qiegħed jilledi d-drittijiet tagħhom kif protetti bl-Art. 6 u l-Art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Il-gurisprudenza fil-kuntest ta' talba ghal mizuri provizorji hija ben stabbilita.

Il-Qorti tibda biex tissenjala l-insenjament kostanti ta' dawk il-Qrati illi proceduri kostituzzjonali m'ghandhom qatt jintuzaw bhala appell minn decizjoni legittima ta' Qorti ohra, u inoltre, lanqas ma jigu moghtija rimedji straordinarji meta jkun ghadu disponibbli r-rimedju ordinarji.

Dan kollu premess, il-Qorti ikkunsidrat illi Karen Reid, fil-ktieb "A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights" (pagna 20) issostni:

*"As a general practice, measures (*riferibbilment *ghal interim relief) are applied only where there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb … While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may be arguably be of an irreparable nature, r.39 (*riferribbilment *ghar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR) has not been applied save in a few exceptional cases."*

Ikkunsidrat illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-"Factsheet" mahruga minnha dwar "Interim Measures" f'Marzu 2024 tqis dan ix-xorta ta' rimedju bhala eccezzjonali u tiddeskrivi hekk:

"Interim measures are urgent measures that apply only where there is an imminent risk of irreparable harm to a Convention right and where such measure is necessary in the interests of the parties or the proper conduct of the proceedings. Such measures are decided in connection with proceedings before the Court without prejudging any subsequent decisions on the admissibility or merits of the case in question.

In the majority of cases, the applicant requests the suspension of an expulsion or an extradition.

The Court grants requests for interim measures only in exceptional circumstances, applicants would otherwise face an imminent risk of irreparable harm to a Convention right.[1]"

Kif osservat il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza Rosette Thake et vs Prim Ministru et (Atti tar-rikors 50/16/1 JRM):

[1] In the case Rackete and Others v. Italy (no. 32969/19), for example, the Court decided, in June 2019, not to indicate to the Italian Government an interim measure requiring that the applicants (nationals of Niger, Guinea, Cameron, Mali, Ivory Coast, Ghana, Burkina Faso and Guinea-Conakry) be authorised to disembark in Italy from the ship Sea-Watch 3; at the same time, however, the Court indicated to the Government that is was relying on the Italian authorities to continue to provide all necessary assistance to those persons on board Sea-Watch 3 who were in a vulnerable situation on account of their age or state of health (see press release of 25 June 2019).

"biex jista' jinghata rimedju provvizorju, jehtieg li min jitolbu juri li hemm kaz prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-ghoti tal-mizura provvizorja serja ggib hsara li ma titreggax lura fil-kaz tieghu.

"Minhabba f'hekk, l-ghoti ta' provvediment provvizorju f'kawza ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew cirkostanzi eccezzjonali li jaghmluh mehtieg" ara Daniel Alexnader Holmes vs Avukat Generali et – digriet P.A. kostit. AE 16.04.2014

Illi fil-kawza **Emmanuel Camilleri v Spettur Louise Calleja et** (PA (Kost), din il-Qorti kif diversament presjeduta enuncjat il-principji legali u dottrinali li ggwidaw il-Qrati taghna fil-materja ta' *interim relief*:-

"Illi s-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f'kawżi ta' għamla Kostituzzjonali mhumiex imfissrin b'mod eżawrjenti f'xi dispożizzjoni partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ;

Illi hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwestjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għall-pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet[2];

Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment[3]. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ 'prima facie' ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas talgħoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma

[2] Ara provvediment P.A. (Kost.) AJM 5.10.1999 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Gauci et vs Avukat Generali et**
[3] Q.E.D.B. 6.2.2003 fil-kawza fl-ismijiet **Mamatkulov et vs Turkija** (Applik. Nru. 46837/99) § 110

titreġġax lura fil-każ tiegħu. Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ[4];

Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha. (enfasi ta' din il-Qorti).

*Illi għalkemm huwa minnu, kif jallegaw l-intimati, li l-għoti tal-provvediment provviżorju quddiem il-Qorti ta' Strasburgu taħt ir-regolament **39 tar-Regoli tal-Proċedura** ta' dik il-Qorti jkun bosta drabi marbut ma' ksur ta' jedd taħt l-artikolu 2 jew l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni[5], ma hemm l-ebda dispożizzjoni li tillimita l-għoti ta' provvediment bħal dak biss għall-imsemmija żewġ artikoli. Kemm hu hekk, kien hemm każijiet fejn l-għoti ta' provvediment ingħata wkoll waqt proċeduri li kienu jirrigwardaw ukoll ilment ta' ksur tal-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni."*[6] (enfasi ta' din il-Qorti).

Kif ritenut in materja mill-awturi van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak[7]:

"... it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated: the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or

[4] Deg P.A. (Kost.) AE 16.4.2014 fil-kawza fl-ismijiet Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et.
[5] Ara K Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit, 2007) § 1.021, p. 20 iccitat post
[6] Ara Ordni Interim Q.E.D.B. 30.11.1999 fil-kawza Ocalan vs Turkija (Applik. 46221/99)
[7] 2 Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Raba` Edizzjoni – 2006)

the progress of the examination. … such would be the case, for instance, if an expulsion threatens to constitute a violation of article 3 of the Convention, in view of a serious risk that the person concerned will be exposed to torture or inhuman treatment or punishment. In that case a stay of expulsion may be requested until the Court has had the opportunity to investigate the case. However, it will do so only if there is a high degree of probability that a violation of article 3 is likely to occur. This requires that the applicant states his case in a convincing manner and possibly also presents some evidence showing the danger to life or limb to which he may be subjected if expelled or extradited to a particular country. It is not sufficient for the applicant to provide information about the danger or uncertain situation in the country of destination and/or his being an opponent of the ruling Government."

Illi il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet hekk fil-kaz Angelo Frank Paul Spiteri v L-Avukat Generali (9 ta' Jannar 2017):

"Fl-ewwel lok jigi ribadit minn din il-Qorti li f'materja tal-hekk imsejjha interim measures huwa car l-insenjament ta' din il-Qorti li tali mizuri ghandhom jittiehdu biss f'kazijiet ta' urgenza u sahansitra f'kazijiet ta' "urgenza estrema" fejn innuqqas ta' tehid ta' tali mizuri jirrizulta, jew jazzarda li jirrizulta, fi hsara irreparabbli ghall-interessi vitali tal-parti koncernata jew ghall-perkors tal-ezami li l-Qorti jkun jehtigilha taghmel. Din il-Qorti rriteniet ukoll li mizuri ad interim huma indikati f'kazijiet ecezzjonali. [Q. Kost. ***Federation of Estate Agents v. Direttur Generali [Kompetizzjoni****, deciza 25 ta' Settembru, 2014)."*

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Stephen Nana Owusu vs Kummissarju tal-Pulizija et (13 ta' April 2018) iddikjarat illi:

"...... biex tista' tinghata din l-ghamla ta' mizura straordinarja jehtieg li min jitolbu juri li talanqas mad-daqqa t'ghajn hemm ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-ghoti ta' rimedju interim ikun jirreka dannu irriversibbli ghal dik il-parti. Gie ritenut in materja illi:

"Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ;

"Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha".

Il-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza Lotino Borg Ritchel vs Edward Borg et (28 ta' Frar 2020) kellha dan xi tghid dwar digriet mhux motivat:

"Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan hu każ klassiku ta' digriet mingħajr motivazzjoni adegwata. Fid-digriet il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ma qalitx x'kienet ir-raġuni għalfejn naqqset l-aċċess b'dak il-mod. Hu essenzjali li digriet ta' dik ix-xorta, irrispettivament mill-fatt li bih il-kwistjoni dwar l-aċċess ma ġietx determinata b'mod defenittiv, ikollu motivazzjoni ċara. Il-partijiet f'proċeduri għandhom dritt li jkunu infurmati bir-raġunijiet li jkunu wasslu lill-Qorti sabiex tiddeċiedi. Hekk biss issir ġustizzja li tidher."

Ukoll fis-sentenza Nadia Vella et vs l-Avukat Generali (20 ta' Lulju 2020):

"...Digriet bħal dak jagħti lok għal inċertezza bla bżonn għaliex ma fihx motivazzjoni.

"33. Jista' jkun li l-Qorti tat dik l-ordni minħabba dak li allega Camilleri fir-rikors jew jista' jkun kien minħabba dak li l-avukat tat-tfal kitbet fir-rapport. Rapport li evidentement ma kienx aċċessibbli għall-partijiet u mhux magħruf x'inkiteb fih. Il-Qorti li tat id-digriet tal-1 ta' Ottubru 2015 biss taf u din il-Qorti ma tistax toqgħod tispekula x'wassal sabiex tiddeċiedi b'dak il-mod. Hu essenzjali li digrieti ta' dik ix-xorta, li bħalhom jingħataw

diversi waqt proċeduri fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), ikunu motivati b'mod ċar. Il-partijiet għandhom dritt ikunu jafu r-raġuni li tkun waslet lill-Qorti sabiex tieħu deċiżjoni bħal dik. Kawżi ta' din ix-xorta qegħdin jolqtu l-ħajja ta' kuljum ta' familji sħaħ u għalhekk iktar u iktar hemm bżonn ta' ċertezza."

Il-każ odjern huwa indentiku. Kif irriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Spagnol vs Spagnol (30 ta' Ġunju 2021): "Miżura drastika m'għandha qatt tittieħed b'mod leġġer". Hekk jidher li ġara f'dan il-każ. Oltre minn hekk, anke talba għal reviżjoni ta' digriet *contrario imperio* baqgħet tiġi miċħuda mingħajr ma ngħatat raġuni.

Għaldaqstant il-Qorti taqta u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament u tissospendi għal kull fini u effett tal-liġi d-digriet maħruġ mill-Qorti tal-Familja fis-6 ta' Jannar 2024 sakemm dawn il-proċeduri jiġu magħluqa definittivament.

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

IMHALLEF